B'digriet mogħti mill-Qorti tal-Appell, Sede Superjuri, fid-19 ta' Ġunju, 2025, fl-atti tar-Rikors numru 1048/03 fl-ismijiet Martin Cilia (KI 129265M) f'ismu proprju u bħala direttur u inrappreżentanza tas-soċjetàjiet Laman Holdings Limited u C&V Limited vs X, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Vincent Mercieca a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz ta' risposta tal-appell tas-soċjetà Bank of Valletta plc (C 2833) għall-appell tas-soċjetà HSBC BankMalta) plc u Appell Inċidentali tas-soċjetà Bank of Valletta fl-atti tar-Rikors tal-Appell numru 1048/03 ppreżentat fl-1 ta' Diċembru, 2020, is-soċjetà Bank of Valletta tgħid bir-rispett li għalkemm taqbel mas-soċjetà appellanti HSBC Bank Malta plc illi din l -Onorabbli Qorti tal-Appell għandha tħassar u tirrevoka s-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti fejn tipprovdi li s-somma ta' €26,971.08 għandha tiġi rtirata mill-Kummissarju tat-Taxxi u li l-istess Kummissarju ma għandux igawdi pozjorità jew li jiġi pregradwat, però ma taqbilx li l-appellanti HSBC plc weħedha għandha titpoġġa fit-Tieni Grad.

L-istess soċjetà Bank of Valletta plc qiegħda tipprevalixxi ruħha u tinterponi appell inċidentali billi l-ewwel qorti ddeċidiet ħażin meta akkordat imgħax lis-soċjetà HSBC BankMalta) plc u mingħajr preġudizzju żbaljat fil-gradwatorja għaliex għandha tkun is-soċjetà Bank of

By a decree delivered by the Court of Appeal, Superior Court, on 19th June, 2025, in the records of Application number 1048/03 in the names Martin Cilia (ID 129265M) in his own name and as director and in representation of the companies Laman Holdings Limited and C&V Limited vs X, the following publication was ordered to serve as a notification in regard to Vincent Mercieca in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

By way of reply to the appeal by the company Bank of Valletta plc (C 2833) to the appeal by the company HSBC BankMalta) plc and the cross-appeal of the company Bank of Valletta in the records of the Appeal Application number 1048/03 filed on 1sr December, 2020, Bank of Valletta respectfully states that although it agrees with the appellant company HSBC Bank Malta plc that this Honourable Court of Appeal should quash and revoke the judgment of the First Honourable Court which provides that the sum of €26,971.08 should be withdrawn by the Commissioner of Revenue and that the same Commissioner should not enjoy priority or be pre-ranking, it does not agree that the appellant HSBC plc alone should be placed in the Second Degree.

The same Bank of Valletta plc is availing itself of te appeal and interposing a cross-appeal as the first court decided wrongly when awarding interest to HSBC BankMalta) plc and without prejudice it erred in its ranking as it should be Bank of Valletta plc which should be placed in the Second

Valletta plc li titqiegħed fit-Tieni Grad oltre l-fatt li l-krediti għandhom mhux biss ikunu fl-Ordni de quo imma wkoll jitħallsu f'dik l-Ordni.

Għaldaqstant, is-soċjetà Bank of Valletta plc titlob li din l-Onorabbli Qorti tal-Appell jogħġobha tirriforma u tvarja s-sentenza appellata billi filwaqt li Tirrevoka u Tħassar kwalsijasi pozjorità u pregradwazzjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi appellat, skont it-talba tal-appell inċidentali tirriforma wkoll il-Gradwazzjoni billi tiddikjara li fuq ir-rikavat tal-bejgħ tal-garaxx fi Triq Ramon Perellos, San Pawl il-Baħar is-soċjetà appellanti Bank of Valletta plc tiġi ggradwata fit-Tieni Grad wara dak tal-ispejjeż ġudizzjarji; tirriforma wkoll il-gradwazzjoni tas-soċjetà HSBC Bank Malta plc billi tiddikjara li din tiggradwa fuq ir-rikavat tal-bejgħ tal-fond 15, Sapphire Court, Triq San Franġisk, San Pawl il-Baħar, għas-somma ta' €23,730.03 bl-imgħax biss sad-data tad-dikjarazzjoni ta' falliment u ċoè sad-9 ta' Ottubru, 1998; tirriforma wkoll dik il-parti tad-decide fejn jingħad illi l-krediti jkunu f'dik l-ordni iżda jiġi ordnat ukoll li jitħallsu u tikkonfermaha fil-kumplament bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra is-socjetà appellanti HSBC Bank Malta plc.

Ir-Rikors tal-Appell numru 1048/03 fl-ismijiet Martin Cilia (KI 129265M) f'ismu proprju u bħala direttur u inrappreżentanza tas-soċjetàjiet Laman Holdings Limited u C&V Limited jinsab iddifferit għad-9 ta' Ottubru, 2025, fit-8.30 a.m.

Notifika: Vincent Mercieca, Birkirkara

Reġistru tal-Qrati tal-Appell (Superjuri), illum 17 ta' Settembru, 2025

Reġistru tal-Qrati Superjuri (Appelli), illum 17 ta' Settembru, 2025

DOTT. FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Degree, besides the fact that the credits should not only be in the Order de quo but also be paid in that Order

Therefore, Bank of Valletta plc requests that this Honourable Court of Appeal reforms and varies the appealed judgment while Revoking and Cancelling any priority and pre-ranking of the respondent Commissioner of Revenue, in accordance with the request in the cross-appeal also reforming the Ranking by declaring that on the proceeds of the sale of the garage in Triq Ramon Perellos, St Paul's Bay, the appellant Bank of Valletta plc is ranked in the Second Degree after that of the Judicial Costs; it also reforms the ranking of HSBC Bank Malta plc by declaring that it is ranked on the proceeds of the sale of the property 15, Sapphire Court, Triq San Franġisk, St Paul's Bay, for the sum of €23,730.03 with interest only up to the date of the declaration of bankruptcy and that is to say up to the 9th October, 1998; it also reforms that part of the decision where it is stated that the credits are in that Order but it is also orders that they be paid and confirming it as to the remainder with the costs of both instances against the appellant company HSBC Bank Malta plc.

Appeal Application number 1048/03 in the names Martin Cilia (ID 129265M) in his own name and as director and in representation of the companies Laman Holdings Limited and C&V Limited is adjourned to 9th October, 2025, at 8.30 a.m.

Notification: Vincent Mercieca, Birkirkara

Registry of the Courts of Appeal (Superior), today 17th September, 2025

Registry of the Superior Courts (Appeals) this day 17th September, 2025

DR FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2414

B'digriet tat-2 ta' Settembru, 2025, mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), dina il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skont l-Artikolu 187(5) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap.12).

Illi b'rikors ippreżentat mil-Avukat Dott. Rachel Saliba (KI 399394M) fid-9 ta' April, 2025, qed jintalab l-iżbank fl-ammont ta' sebat elef u ħames mitt ewro (€7,500) depożitati b'ċedola ta' depożitu numru 956/2024 fl-ismijiet:

Avukat Dott. Rachel Saliba (KI 399394M) vs Principal Search Consulting Malta Limited (C95165) u Zoltan Biro (passaport Ungeriż BJ8092805)

By a decree of the 2nd September, 2025, given by the Courts of Magistrates (Malta), ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to article 187(5) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

That by the application filed by the Dr Rachel Saliba (ID 399394M) on the 9th April, 2025, is asking for the withdrawal of the amount of seven thousand and five hundred euro (€7,500) deposited by the Schedule of Deposit number 956/2024 in the names of:

Dr Rachel Saliba (ID 399394M) vs Principal Search Consulting Malta Limited (C95165) and Zoltan Biro (Hungarian passport BJ8092805)

Il-Qorti ordnat in-notifika lill-intimati bi żmien sebat (7) ijiem għar-risposta.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum it-Tnejn, 22 ta' Settembru, 2025

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

The Court ordered the notification to the respondents with seven (7) days to file a reply.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today Monday, the 22nd September, 2025

MARVIC FARRUGIA
For Registrar of Courts and Civil Tribunals

2415

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tad-9 ta' Settembru, 2025, u dan wara Rikors b'numru 502/2025, ordnat:

Lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, li jagħmel il-korrezzjonijiet jew annotazzjonijiet mitluba fuq l-Att tat-Twelid numru 821/2022 kif ukoll fuq l-Att taż-Żwieġ bin-numru 3634/2015, biex it-tieni isem ta' Melanie Magsino Mizzi jiġi mibdul minn 'Magsino' għal 'Guevarra'.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum it-Tnejn 22 ta' Settembru, 2025

RUTH PISCOPO
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 9th September, 2025, and upon an application numbered 502/2025, ordered:

To the Director of the Public Registry, to make the necessary corrections or annotations to the Act of Birth number 821/2022 as well as to the Act of Marriage number 3634/2015, so that Melanie Magsino Mizzi's second name is changed from 'Magsino' to 'Guevarra'.

Court of Revision of Notarial Acts

Today Monday 22nd September, 2025

RUTH PISCOPO
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

2416

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tad-9 ta' Settembru, 2025, u dan wara Rikors b'numru 824/2025, ordnat:

Lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, li jagħmel il-korrezzjonijiet jew annotazzjonijiet mitluba fuq l-Att tat-Twelid numru 3351/1973 biex fil-kolonna 'Isem jew Ismijiet kif għandha tissejjaħ' kif ukoll fuq l-Att taż-Żwieġ bin-numru 2839/2016 (fejn ir-rikorrenti tidher bħala l-mara), isem ir-rikorrenti jiġi korrett minn 'Karen' għal 'Karen Gwen' permezz ta' annotazzjoni.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum it-Tnejn 22 ta' Settembru, 2025

RUTH PISCOPO
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 9th September, 2025, and upon an application numbered 824/2025, ordered:

To the Director of the Public Registry, to make the necessary corrections or annotations on the Act of Birth number 3351/1973 so that in the column 'Name or Names by which child is to be called', as well as on the Act of Marriage number 2839/2016 (where the applicant appears as the wife), the applicant's name is corrected from 'Karen' to 'Karen Gwen' by means of an annotation

Court of Revision of Notarial Acts

Today Monday 22nd September, 2025

RUTH PISCOPO
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

2417

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili,

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of

b'Digriet tad-9 ta' Settembru, 2025, u dan wara Rikors b'numru 825/2025, ordnat:

Lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, li jagħmel il-korrezzjonijiet jew annotazzjonijiet mitluba fuq l-Att tat-Twelid numru 2276/1975 biex fil-kolonna 'Isem jew Ismijiet kif għandha tissejjaħ' kif ukoll fuq l-Att taż-Żwieġ bin-numru 2839/2016 (fejn ir-rikorrenti tidher bħala waħda mix-xhieda), isem ir-rikorrenti jiġi korrett minn 'Claire' għal 'Claire Lucy' permezz ta' annotazzjoni.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum it-Tnejn 22 ta' Settembru, 2025

RUTH PISCOPO
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Notarial Acts, by a Decree dated the 9th September, 2025, and upon an application numbered 825/2025, ordered:

To the Director of the Public Registry, to make the necessary corrections or annotations on the Act of Birth number 2276/1975 so that in the column 'Name or Names by which child is to be called' as well as on the Act of Marriage number 2839/2016 (where the applicant appears as one of the witnesses), the applicant's name is corrected from 'Claire' to 'Claire Lucy' by means of an annotation.

Court of Revision of Notarial Acts

Today Monday 22nd September, 2025.

RUTH PISCOPO
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

2418

Avviż mir-Reġistru tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Billi Leonarda sive Nadia Camilleri (KI 124269M) ippreżentat rikors (numru 455/2025JVC) fejn giet mitluba l-korrezzjoni tal-Att tar-Reġistru Pubbliku numru 1242/1969 fir-Reġistru Pubbliku.

Kull min jidhirlu li għandu nteress u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu, b'nota li għandha tiġi ppreżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu notifikati b'kopja tar-rikors ġuramentat hawn fuq imsemmi bil-ġurnata li tingħata għas-smigħ tal-kawża.

B'ordni tal-Qorti,

Reġistru tal-Qorti Superjuri,

Illum 23 ta' Settembru, 2025

CORA CATANIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Notice, Registry of the Civil Court, First Hall

Whereas Leonarda sive Nadia Camilleri (ID 124269M) filed an application (number 455/2025JVC) demanding the correction of a Public Act number 1242/1969 in the Public Registry.

Whosoever may have an interest therein, and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so, by means of a note to be filed in the Registry of these Courts, within fifteen days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Those who, within the aforesaid time, shall have filed such note, shall be notified by the service of a copy of the said application under oath, of the day which will be appointed for the hearing of the case.

By order of the Court,

Registry of the Superior Court,

Today 23rd of September, 2025

CORA CATANIA
For Registrar, Civil Courts and Tribunals

2419

Permezz ta' digriet tal-4 ta' Ġunju, 2025, mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 128/2024 fl-ismijiet 'GasanMamo Insurance Limited et vs Domanski Dariusz et', ġie ordnat li l-imsemmija ittra hawn taħt riprodotta tiġi ppubblikata għall-fini ta' notifika lill-intimata Dorota Domanski (karta tal-identità Pollakka numru DAX

By virtue of a decree of the 4th of June, 2025, issued by the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section, in the acts of judicial letter number 128/2024 in the names 'GasanMamo Insurance Limited et vs Domanski Dariusz et,' it was ordered that the said letter as reproduced below be published for the purpose of notification to the respondent Dorota Domanski (Polish identity card number

292874) ta' c/o Dott. Sarah Sultana, 45/7, Triq id-Dejqa, Il-Belt Valletta, Malta, u dan skont l-artikolu 187(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali

Ittra uffiċjali numru 128/2024

Illum 26 ta' Frar, 2024

Lil: Dariusz Domanski (karta tal-identità numru 127543A),69, Stefanel, Triq Sant' Aristarku, San Pawl il-Baħar

Dorota Domanski (karta tal-identità Pollakka numru DAX 292874) c/o Dott. Sarah Sultana, 45/7, Triq id-Dejqa, Il-Belt Valletta

Permezz tal-preżenti, GasanMamo Insurance Limited (C3143) ta' Triq l-Imsida, Il-Gżira, u Mario Xiberras (47067M) ta' 31, Triq il-Bies, Ta' Kerċem, Għawdex, filwaqt illi jagħmlu riferenza għall-ittra uffiċjali tagħkom tad-9 ta' Frar, 2024, jirrespinġu bil-qawwa kollha l-allegazzjonijiet hemm kontenuti bħala infondati fil-fatt u fid-dritt, u jiddiffidawkom milli tistitwixxu proċeduri inutli fil-konfront tagħhom inkonnessjoni mal-inċident stradali li seħħ fid-19 ta' April, 2022, fi Triq l-Arċisqof Pietru Pace, Għawdex, u li kien jinvolvi l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni DCO 031, assigurata mal-mittenti GasanMamo Insurance Limited, u misjuqa mill-mittenti Mario Xiberras, u dan peress illi fl-ewwel lok, l-istess inċident seħħ unikament minħabba traskuraġni, negliġenza, imperizja u nonosservanza tar-regolamenti tat-traffiku daparti tiegħek Dariusz Domanski.

Inoltre, u mingħajr preġudizzju għal 'l fuq premess, kalwsijasi danni u/jew diżabbiltà permanenti allegatament sofferti minnek Dorota Domanski huma bi ħtija tal-istess Dariusz Domanski u kwindi l-mittenti ma huma bl-ebda mod obbligati illi jagħmlu tajjeb għalihom stante illi għal dan l-inċident jaħti unikament Dariusz Domanski.

Inoltre, u mingħajr preġudizzju għas-su espost, is-soċjetà mittenti qiegħda formalment titlob kopja tas-CCTV footage u għaldaqstant intom mitluba li tgħaddu kopja tal-istess.

Tant sabiex tagħrfu tirregolaw ruħkom u sabiex jiġu evitati spejjeż u proċeduri inutili.

Din l-ittra uffiċjali qed issir għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, senjatament, iżda mhux limitatament għal dawk ta' interruzzjoni ta' preskrizzjoni ai termini tal-Kap. 12, Kap. 16 tal-liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż.

DAX 292874) of c/o Dr Sarah Sultana, 45/7, Triq id-Dejqa, Valletta, Malta, and this in terms of article 187(3) of Cap. 12 of the Laws of Malta.

In the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section

Judicial letter number 128/2024

Today the 26th of February, 2024

To: Dariusz Domanski (identity card number 127543A), 69, Stefanel, Triq Sant' Aristarku, St Paul's Bay;

Dorota Domanski (Polish identity card number DAX 292874) c/o Dr Sarah Sultana, 45/7, Triq id-Dejqa, Valletta

By virtue of this present, GasanMamo Insurance Limited (C-3143) of Triq l-Imsida, Gżira, and Mario Xiberras (47067M) of 31, Triq il-Bies, Ta' Kerċem, Gozo, while making reference to your judicial letter of the 9th of February, 2024, strongly reject the allegations contained therein as unfounded in fact and at law, and dissuade you from instituting useless proceedings against them in connection with the road accident that occurred on the 19th of April, 2022, in Triq l-Arċisqof Pietru Pace, Gozo, and which involved the vehicle with registration number DCO 031, insured with the sender GasanMamo Insurance Limited, and driven by the sender Mario Xiberras, and this since in the first place, the same accident occurred solely due to carelessness, negligence, impertinence and non-observance of traffic regulations on your part Dariusz Domanski.

Furthermore, and without prejudice to the abovesaid, any damages and/or permanent disability allegedly suffered by you Dorota Domanski are the fault of the same Dariusz Domanski and therefore the senders are in no way obliged to make good for them given that this incident is solely the fault of Dariusz Domanski.

Furthermore, and without prejudice to the above, the sending company is formally requesting a copy of the CCTV footage and therefore you are requested to forward a copy of same.

So much so that you know how to regulate yourself and to avoid unnecessary costs and procedures.

This judicial letter is being sent for all purposes and effects of the law, in particular, but not limited to those of interruption of prescription in terms of Cap. 12, and Cap. 16 of the laws of Malta.

With costs.

L-Avukat Karl Briffa
(iffirmat) L-Avukat Cynthia Galea
(iffirmat) Il-Prokuratur Legali Gerald Bonello

Notifika ulterjuri: Mapfre Middlesea plc, Middlesea House, Il-Furjana

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Illum 22 ta' Settembru, 2025

JAKE MEJLAK
Deputat Reġistratur, għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

Lawyer Karl Briffa
(signed) Lawyer Cynthia Galea
(signed) Legal Procurator Gerald Bonello

Additional notification: Mapfre Middlesea plc, Middlesea House, Floriana

Registry of the Court of Magistrates (Gozo)

Today 22nd September, 2025

JAKE MEJLAK
Deputy Registrar, for the Registrar, Courts and Tribunals (Gozo)

2420

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fis-26 ta' Awwissu, 2025, fuq talba ta' Christopher Jeremy Pace ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lis-sidien mhux magħrufa fl-atti tal-protest ġudizzjarju numru 278/2025 fl-ismijiet Christopher Jeremy Pace vs Kuraturi Depuati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti:

Permezz ta' protest ġudizzjarju ppreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti fl-20 ta' Awwissu, 2025, fl-ismijiet Christopher Jeremy Pace (KI 543765M) vs Victoria Portelli (KI 218646M), Charles Swain (KI 518648m), Charles Farrugia (KI 515458M), Roberta Fenech (KI 367773M), Philip Andrew Ransley, Med-Dental Limited, Vermar Investments Limited, Ernest Grech u kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw sidien mhux magħrufa ta' appartamenti fil-blokk ta' appartamenti numru 144, Triq it-Torri, Tas-Sliema, fejn permezz tal-preżenti Christopher Jeremy Pace (KI 543765M) espona bir-rispett:

Illi l-esponenti huwa l-proprjetarju tal-penthouse internament markata numru 15 fit-8 sular fil-blokk ta' appartamenti numru 144, Triq it-Torri, Tas-Sliema, u proprjetarju tal-bejt kollu tal-blokk u tal-arja;

Illi l-esponent qed jintavola dan il-protest ġuzzjarju sabiex iġib għall-attenzjoni formali tal-protestati, ilkoll residenti u/jew koproprjetarji tal-blokk ta' appartamenti numru 144, Triq it-Torri, Tas-Sliema, illi se jigu intavolati proċeduri sabiex tiġi stabbilita l-ineżistenza ta' servitu altius non tollendi;

Illi l-esponenti xtara l-imsemmija penthouse, il-bejt u l-arja tal-blokk permezz ta' att ta' bejgħ ippubblikat min-

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

By means of a decree given by this Court on the 26th August, 2025, following a request by Christopher Jeremy Pace it was ordered that deputy curators be chosen to represent the unknown owners in the acts of the judicial protest number 278/2025 in the names Christopher Jeremy Pace vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a judicial protest filed in the First Hall of the Civil Court on the 20th August, 2025, in the names Christopher Jeremy Pace (ID 543765M) vs Victoria Portelli (ID 218646M), Charles Swain (ID 518648m), Charles Farrugia (ID 515458M), Roberta Fenech (ID 367773M), Philip Andrew Ransley, Med-Dental Limited, Vermar Investments Limited, Ernest Grech and deputy curators to represent the unknown owners of the block of appartments number 144, Triq it-Torri, Tas-Sliema, whereby my means of this present Christopher Jeremy Portelli (ID 543765M) respectfully submits:

That the applicant is the owner of the penthouse internally marked 15 on the 8th floor in the block of apartments numbered 144, Triq it-Torri, Tas-Sliema, and owner of the whole roof of the block and airspace;

That the interpellant is filing this judicial protest to bring to the formal attention of the respondents, all residents and/or co-owners of the block of apartments number 144, Triq it-Torri, Tas-Sliema, that procedures are going to be filed in order to establish the inexistence of a servitude Altius non tollendi;

That the interpellant bought the said penthouse, roof and airspace of the block by means of a deed of sale published by

Nutar Dott. Andre Farrugia fit-18 ta' April, 2007, mingħand is-soċjetà Kiki Investments Limited illum struck off mir-Reġistru tas-soċjetajiet kummercjali;

Illi sabiex ikun hemm il-ħolqien legali u validu ta' servitu altius non tollendi, dan irid ikun kostitwit b'att pubbliku (Art. 458 Kap. 16) liema att pubbliku għandu jiddetermina b'ċertezza l-fond dominanti li favur tiegħu nħoloq is-servitù (Art. 400 Kap. 16);

Illi kundizzjoni stipulata f'kuntratt ta' bejgħ ma hijiex suffiċjenti għall-ħolqien ta' servitu altius non tolledi u qatt ma ġie validament impost servitù favur il-kumplament tal-appartamenti fl-istess blokk. Għalhekk dan il-protest huwa l-avviż formali qabel ma jinbdew proċeduri għal dikjarazzjoni ta' ineżistenza ta' servitu altius non tollendi.

Għaldaqstant, l-esponenti filwaqt illi jġib il-premess a formali konjizzjoni tal-intimati iżommhom responsabbli u jqegħidhom minn issa in dolo, culpa et mora għal finijiet u effetti kollha fil-liġi u jirriserva d-drittijiet tiegħu kollha skont il-liġi.

Esponenti: Christopher Jeremy Pace, 329, Triq in-Nixxiegħa, Il-Mellieħa

Notifika: Kuraturi deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Anthony Ellul, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 26 ta' Awwissu, 2025

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 19 ta' Settembru, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Notary Dr Andre Farrugia on the 18th April, 2007, from the company Kiki investments Limited, today Struck off from the Registry of commercial companies;

That in order for there to be the legal and valid creation of a servitude Altius non tollendi, this has to be constituted by a public deed (Art. 458 Cap. 16) which public deed has to determine with certainty the dominant tenement in favour of which the servitude was created (Art. 400 Cap. 16);

That a condition stipulated in a contract of sale is not sufficient for the creation of a servitude altius non tollendi and was never a validly imposed servitude in favour of the rest of the apartments in the same block. This judicial protest is therefore the formal notice prior to initiating proceedings for a declaration of invalidity of a servitude altius non tollendi.

Thus, the applicant whilst bringing the above to the formal notice of the respondents holds them responsible and puts them from now on formal notice for all intents and purposes at law and reserves all his rights according to law.

Applicant: Christopher Jeremy Pace, 329, Triq in-Nixxiegħa, Mellieħa

Notification: Deputy curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Mr Justice Anthony Ellul LLD, Doctor of Laws.

Today 26th August, 2025

Registry of the Superior Courts, today 19th September, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2421

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fis-7 ta' Lulju, 2025, fuq talba ta' Dott. Robert Zammit noe ġie ordnat biex tappunta kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lid-direttarji injoti, fl-atti taċ-ċedola numru 1369/2025 fl-ismijiet Dott. Robert Zammit noe vs Kuraturi Deputati fl-atti l-oħra relattivi u sussegewenti:

Permezz ta' ċedola ta' depożitu u kontestwali fidi ta' cens numru 1369/2025 fl-ismijiet Dott. Robert Zammit née Zammit, direttur ta' kumpanija, legalment iddivorzjat, iben Raymond Zammit u Silvana Zammit née Sciberras, imwieled Tal-Pietà fil-25 ta' Mejju, 1988, u residenti Ta' Xbiex (KI 246088M) illi jidher għan-nom u fl-interess ta' Luxfair Property Limited (C91777) bl-indirizz reġistrat Luxfair House, Triq Testaferrata, Il-Gżira, vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lid-direttarji injoti, ippreżentat fit-3 ta' Lulju, 2025, fejn Dott. Robert Zammit née Zammit, direttur ta' kumpanija, legalment iddivorzjat, iben Raymond Zammit u Silvana Zammit née Sciberras, imwieled Tal-Pietà fil-25 ta' Mejju, 1988, u residenti Ta' Xbiex (KI 246088M) illi jidher għan-nom u fl-interess ta' Luxfair Property Limited (C91777) bl-indirizz registrat Luxfair House, Triq Testaferrata, Il-Gżira, jesponu bir-rispett:

Illi s-soċjetà esponenti akkwistat l-intijier tad-dar numru ħamsa u tmenin (85) fi Triq Santa Katerina, L-Imqabba, bl-arja u s-sottoswol, liema proprjetà tinsab kantuniera bejn Triq il-Klieb u Triq Santa Katerina, l-Imqabba, bid-drittijiet, ġustijiet u pertinenzi tagħha kollha. Din l-istess proprjetà għandha kejl superfiċjali ta' ċirka mitejn u ħamsa u għoxrin metru kwadru (225mk). Din l-istess proprjetà hija suġġetta għar-rata tagħha u għalhekk sehma mill-"peso annuo perpetuo di scudi dieci cui va soggetta l-intiera clausura", u għalhekk l-imsemmi ċens kien wieħed li jaggrava porzjoni akbar ta' art";

Illi s-soċjetà esponenti akkwistat din il-proprjetà permezz ta' żewġ kuntratti pubbliċi u senjatament:

1. Kuntratt pubbliku ta' bejgħ u akkwist tat-tnejn (2) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025) atti n-Nutar Dott. Adriana Vella li permezz tiegħu l-esponenti akkwistat mingħand Mary Grace Cassar is-sehem ta' tlieta u għoxrin minn mija u ħamsin (23/150) partijiet indiviżi jew kull u kwalsijasi sehem mill-istess dar. Kopja ta' dan il-kuntratt qed tiġi annessa u mmarkata bħala Dok. A;

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Courts

By means of a decree given by this Court on the 7th July, 2025, following a request of Doctor Robert Zammit noe it was ordered to appoint deputy curators to represent the unknown direct owners, in the acts of the schedule of deposit number 1369/2025 in the names Doctor Robert Zammit noe vs Deputy Curators in the other relative and subsequent acts:

By means of a schedule of deposit and redemption of groundrent number 1369/2025 in the names Doctor Robert Zammit née Zammit, company director, legally divorced, son of Raymond Zammit and Silvana Zammit née Sciberras, born in Tal-Pietà on the 25th May, 1988, and residing in Ta' Xbiex, (ID 246088M) who appears on behalf and in the interest of Luxfair, Property Limited (C91777) with registered address Luxfair House, Triq Testaferrata, Gżira, vs Deputy Curators to represent the unknown direct owners, filed on the 3rd July, 2025, whereby Doctor Robert Zammit née Zammit, company director, legally divorced, son of Raymond Zammit and Silvana Zammit née Sciberras, born in Tal-Pietà on the 25th May, 1988, and residing in Ta' Xbiex, (ID 246088M) who appears on behalf and in the interest of Luxfair, Property Limited (C91777) with registered address Luxfair House, Triq Testaferrata, Gżira, respectfully submitted:

That the applicant company acquired the property number eighty five (85) in Triq Santa Katerina, Mqabba, with its airspace and subsoil, which property is situated corner between Triq il-Klieb and Triq Santa Katerina, Mqabba, with all its rights, enjoyments and appurtenances. This same property has a superficial area of about two hundred and twenty five square metres (225sqm). This same property is subject to its rate and thus it was part of the "peso annuo perpetuo di scudi dieci cui va soggetta l-intiera clausura", and thus the said groundrent was one which aggravated a larger portion of land";

That the applicant company acquired this property by means of two public contracts and namely:

1. Public deed of sale and acquisition of the 2nd May of the year two thousand and twenty five (2025) Acts Notary Doctor Adriana Vella by means of which the applicant acquired from Mary Grace Cassar the share of twenty three out of one hundred and fifty (23/150) undivided shares or any and any share of the same house. A copy of this contract is being attached and marked as Doc. A;

2. Kuntratt pubbliku ta' bejgħ u akkwist tat-tletin (30) ta' Ġunju 2025 tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025) atti n-Nutar Dott. Adriana Vella li permezz tiegħu l-esponenti akkwistat mingħand Giulia Buhagiar née Buhagiar et l-ishma indiviżi rimanenti, ossija mija u sebgħa u għoxrin minn mija u ħamsin (127/150), fl-istess dar. Kopja ta' dan il-kuntratt qed tiġi annessa u mmarkata bħala Dok. B;

Illi din il-proprjetà qed tiġi wkoll indikata fuq site-plan annessa u mmarkata Dok. C;

Illi peress illi d-direttarji preżenti huma injoti stante li l-esponenti m'għandhiex informazzjoni dwar l-istess u minkejja kull sforz li għamlet kien impossibli għaliha tottjeni din l-informazzjoni, kontestwalment ma' din iċ-ċedola qiegħed jiġi intavolat rikors għall-ħatra ta' kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lil dawk id-direttarji injoti li huma intitolati jirċievu l-ħlas taċ-ċens;

Illi kif ġja premess, il-proprjetà de quo hija parti minn art ikbar li hija suġġetta għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' għaxar (10) skudi;

Illi peress li l-esponenti lanqas ma għandha informazzjoni dwar l-apporzjonament tal-proprjetà mertu ta' din iċ-ċedola meta kumparata mal-clausura akbar li tifforma parti minnha, ex abbundantia cautela, qiegħed jiġi kkunsidrat iċ-ċens sħiħ (ossija dak ta' għaxar skudi) a fini ta' fidi, depożitu ta' arretrati u ta' pagament ta' lawdemju potenzjali;

Illi għaxar skudi huma ekwivalenti għal żewġ ewro u erbgħin ċenteżmu (€2.40);

Illi l-esponenti tixtieq tipprevalixxi ruħha mid-dritt mogħti lilha mill-artikolu 1501 tal-Kodiċi Ċivili u tixtieq tirredimi ċ-ċens gravanti fuq il-proprjetà hawn fuq deskritta illi kapitalizzat bil-ħamsa fil-mija (5%) jammonta għas-somma ta' tmienja u erbgħin ewro (€48.00);

Illi inoltre l-esponenti qiegħda tiddepożita l-arretrati ta' ħames snin ċens ossija tnax-il ewro (€12) u kif ukoll ewro u żewġ ewro u erbgħin ċenteżmu (€2.40) rappreżenanti lawdemju pagabbli fuq trasferiment.

Għaldaqstant, l-esponenti, in vista ta' 'l fuq premess, qiegħda tadixxi lil din l-Onorabbli Qorti u tiddepożita taħt l-awtorità tagħha s-somma globali ta' tnejn u sittin ewro u erbgħin ċenteżmu (€62.40), rappreżentanti inkwantu għas-somma ta' tmienja u erbgħin ewro (€48.00) rappreżentanti fidi ta' ċens kif fuq premess, inkwantu għas-somma ta' tnax-il ewro (€12) arretrati taċ-ċens pagabbli għall-aħħar ħames snin, u s-somma ta' żewġ ewro u erbgħin ċenteżmu (€2.40) rappreżenanti lawdemju pagabbli fuq trasferiment, u sabiex din tiġi rilaxxata lill-intimati skont il-liġi, wara li titħalla d-debita riċevuta.

2. Public deed of sale and acquisition of the 30th June 2025 of the year two thousand and twenty five (2025) Acts Notary Dr Adriana Vella by means of which the applicant acquired from Giulia Buhagiar née Buhagiar et the remaining undivided shares, that is one hundred and twenty seven out of one hundred and fifty (127/150), in the same house. A copy of this contract is being attached and marked as Doc. B;

That this property is also being indicated on the site plan attached and marked Doc. C;

That since the present direct owners are unknown since the applicant does not have information about the same and despite every effort it made it was impossible to obtain this information, together with this schedule of deposit an application is being filed for the appointment of deputy curators to represent those unknown direct owners who are entitled to receive the payment of the groundrent;

That as already premised, the property de quo is part of a larger land which is subject to the annual and perpetual groundrent of ten (10) skudi;

That as the applicant does not have any information regarding the apportioning of the property merit of this schedule when compared to the larger clausura of which it forms part, ex abbundantia cautela, the whole groundrent (that is that of ten skudi) is being considered for the purpose of redemption, deposit of arrears and payment of a potential laudemium;

That ten skudi are equivalent to two euro and forty cents (€2.40);

That the applicant wishes to avail himself of the right given to him by Article 1501 of the Civil Code and wishes to redeem the groundrent burdening the property above described which capitalised at five percent (5%) amounts to the sum of forty eight euro (€48.00);

That furthermore the applicant is depositing the arrears of five years groundrent or rather twelve euro (€12) as well as two euros and forty cents (€2.40) representing the laudemium payable on transfer.

Thus, the applicants, in view of the above premised, are calling upon this Honourable Court and depositing under its authority the global sum of sixty two Euro and forty cents (€62.40), representing as for the sum of forty eight euro (€48.00) representing redemption of groundrent as above premised, as for the sum of twelve euro (€12) groundrent arrears for the last five years, and the sum of two euro and forty cents (€2.40) representing the laudemium payable on transfer, and so that it be withdrawn by the respondents according to law, after leaving the due receipt.

Esponenti: Luxfair House, Triq Testaferrata, Il-Gżira

Notifika: Direttur Reġistru Pubbliku, Triq l-Arċisqof, Il-Belt Valletta

Kuraturi Deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Anthony Ellul, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 7 ta' Lulju, 2025

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 25 ta' Settembru, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Registratur, Qrati u Tribunali

Applicant: Luxfair House, Triq Testaferrata, Gżira

Notify: Director Public Registry, 126, Triq l-Arċisqof, Valletta

Deputy Curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this Registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, this Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting, or if you encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the above mentioned Superior Court with the witness of Hon. Mr Justice Anthony Ellul, LLD, doctor of Laws.

This 7th July, 2025

Registry of the Superior Courts, today 25th September, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals.

2422

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fis-7 ta' Marzu, 2025, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 175/2025AB, fl-ismijiet: Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana vs Nextlove Ltd, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana vs Nextlove Ltd (C60580) ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla fis-27 ta' Frar, 2025, ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tordna r-reġistrazzjoni tad-dokument anness ma' dan ir-rikors bħala kopja uffiċjali tagħha biex b'hekk l-istess dokument jikkostitwixxi titolu eżekuttiv;

2. Tordna li kopja ta' dan ir-rikors u tad-dokument miegħu anness jiġu notifikati lis-soċjetà intimata skont id-dispożizzjonijiet relevanti tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, bħallikieku dan ir-rikors u dan id-dokument kienu att ġudizzjarju.

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 7th March, 2025, in the records of the Sworn application number 175/2025AB, in the names: Commissioner of Revenue and Customs vs Nextlove Ltd, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap. 12, for the purpose of service of the respondent.

By means of an application in the names: Commissioner for Revenue and Customs vs Nextlove Ltd (C60580) filed in the Civil Court First Hall on the 27th February, 2025, the applicant asked this Honourable Court to:

1. Order the registration of the document annexed to this application as an official copy thereof so that the same document constitutes an executive title;

2. Order that a copy of this application and of the document attached thereto be notified to the respondent company according to the relevant provisions of Cap. 12 of the Laws of Malta, as if this application and this document were a judicial act.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 175/2025AB fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għas-7 ta' Ottubru, 2025, fid-9.30 a.m.

Notifika Intimat: Nextlove Ltd (C60580), The Hub Workspace Suite, E105, Triq Sant'Andrija, San Ġwann

The Plaza Commercial Centre, Level 8, Suite 5, Triq Bisazza, Tas-Sliema

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 23 ta' Settembru, 2025

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

The Sworn application number 175/2025AB in the names mentioned above is postponed to 7th October, 2025, at 9.30 a.m.

Notification respondent: Nextlove Ltd (C60580), the Hub Workspace Suite, E105, Triq Sant'Andrija, San Ġwann

La Plaza Commercial Centre, level 8, Suite 5, Triq Bisazza, Tas-Sliema

Registry of the Superior Courts, today 23rd September, 2025

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2423

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fis-26 ta' Mejju, 2025, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 1122/2024, fl-ismijiet: Yleventwo Limited vs Hospitality International Limited, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Yleventwo Limited (C73197) vs Hospitality International Limited (C44669) ppreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fil-21 ta' Mejju, 2025, ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

i. Tiddikjara li l-kumpanija Bank of Valletta plc (C2833) naqset milli tadempixxi l-obbligi tagħha qua sekwestratarja ai termini, inter alia, tal-Artikolu 376 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, ossija naqset milli twettaq l-obbligu tagħha li tiddepożita kwalunkwe ammonti kolpiti mill-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-numru 1122/2024, u dan occorrendo bl-għajnuna ta' perit nominandi;

ii. Toħroġ dawk l-ordnijiet li jistgħu talvolta jkunu meħtieġa ai termini tal-Artikolu 378 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex jiġu ddepożitati kwalunkwe ammonti kolpiti mill-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-numru 1122/2024, kif ukoll sabiex tiġi ssanata kwalunkwe rregolarità f'dan ir-rigward b'konsegwenza tal-akkoljiment tal-ewwel (1) talba suesposta;

iii. Tiddikjara li l-kumpanija Bank of Valletta plc (C2833) hija responsabbli għad-danni u għall-imgħax favur il-kumpanija rikorrenti b'konsegwenza tal-akkoljiment tal-ewwel (1) talba su esposta, u dan b'riżerva u mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe dritt ta' azzjoni ulterjuri għal-likwidazzjoni u għall-eventwali kundanna għall-ħlas tal-imsemmija sekwestratarja.

Notifika Intimat: Hospitality International Limited, 402D, Mġarr Heights, Triq iż-Żewwieqa, Għajnsielem, Għawdex

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 26th of May, 2025, in the records of the Sworn Application number 1122/2024, in the names: Yleventwo Limited vs Hospitality International Limited, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap. 12, for the purpose of service of the respondent.

By means of an application in the names: Yleventwo Limited (C73197) vs Hospitality International Limited (C44669) filed in the Civil Court, First Hall, on the 21st May, 2025, the applicant asked this Honourable Court to:

i. Declare that the company Bank of Valletta plc (C2833) failed to abide with its obligations qua garnishee in terms, inter alia, of Article 376 of Cap. 12 of the Laws of Malta, or rather failed to abide with its obligation to deposit any amounts collected from the precautionary garnishee order number 1122/2024, and this if necessary with the assistance of an architect nominandi;

ii. Issue such orders as may be necessary in terms of Article 378 of Cap. 12 of the Laws of Malta in order to deposit any amounts raised from the precautionary Garnishee order number 1122/2024, as well as to rectify any irregularity in this regard as a consequence of the upholding of the first (1) demand above mentioned;

